KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

Laqgħa Urġenti tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 65, miżmuma nhar il - gimgħa 10 t' Awwissu 2018 ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

Il-Laqgħa bdiet fil-seba' ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Anne Marie Fenech | Sindku | (19.00) |
| • Daniel Grima | Vici Sindku | (19.00) |
| • Graziella Galea | Kunsillier | (19.00) |
| • Alfred Grima | Kunsillier | (19.00) |
| • Stephen Cremona | Kunsillier | (19.00) |
| • Robert Piscopo | Kunsillier | (19.00) |
| • Rodney Galea | Kunsillier | (19.00) |
| • Joseph Vella | Kunsillier | (19.00) |

Membri Skużati:

| | |
|---|---|
| • Mandy Buhagiar | Kunsillier |
| • Antionette Bezzina | Kunsillier |
| • Edward Bugeja | Kunsillier |
| • Dounia Borg | Kunsillier |
| • Paul Bugeja | Kunsillier |

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

Il-Laqgħa nfetħet mis-Sindku Anne Fenech.

Fin- nuqqas ta quorum laqgħa giet irtirata għal 30 minuta.

Il-Kunsilliera Joseph Vella u Kunsilliera Rodney Galea daħlu għal laqgħa għalhekk il quorum kien intlaħaq u laqgha setgħat tkompli skont l-Agenda

## 65.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Il – Laqgha bdiet fis 19:30 mill Vici Sindku Daniel Grima ħalhiex dak il ħin is Sindku kienet indisposta għalkemm kienet mal mejda. Huwa beda b'item 65.1 u qara l-ittri ta'l-appologiji mingħand Kunsilliera Mandy Buhagiar, Kunsillier Paul Bugeja u Kunsilliera Antionette Bezzina. Il-Kunsillier Alfred Grima talab Point of Order dwar l-emejl ta l- Kunsilliera Antionette Bezzina għalhiex din ma kinitx la inizjalata minnha izda mibgħuta mingħand min Angelo Bezzina.Kunsilliera Graziella Galea qalet li din hija l-emejl li dejjem intuzat min Kunsilliera Antionette Bezzina . Il Vici Sindku Daniel Grima irrimarka li kien hemm vot li kien ittiehed u huwa min Kunsillier Paul Bugeja, kien qal li jekk x'ħadd ma jattendiex u tkun *one off* dak li jkun jigi skuzat

Il- Kunsillier Alfred Grima talab li emejl li nbagħatet min Angelo Bezzina ma tigiex accettata mil-Kunsill u talab li jitihed vot. It- talba tal- Kunsillier Alfred Grima giet is sekondata mil Kunsillier Rodney Galea. Ħames Kunsilliera Alfred Grima, Rodney Galea, Dr Robert Piscopo, Joseph Vella u Stephen Cremona ivvotaw favur u is-Sindku Anne Fenech, Vici Sindku Daniel Grima,Kunsilliera Dounia Borg u Graziella Galea ivvutaw kontra. Il-Vot għadda hekk kif propost.

## 65.2 Sotto Kumittat Zgħazagħ

Il Vici Sindku Daniel Grima għada għal item 65.2 Sotto Kumittat taz-zgħazagħ, huwa qal li laqgħa m'hiex skond il ligi u dan jaqblu miegħu il kollegi tal-grupp tiegħu. Kunsillier Dr Robert Piscopo talab Point of Order fuq dak li kien qal il Vici Sindku u talbu min idecieda li laqgħa kienet illegali u jekk kienx ħa parir legali. Il Vici Sindku irrisponda li hu ma kienx ħa parir imma il Kunsill kien ħa mingħand l- avukat tal Kunsill fejn huwa wiegeb lura fejn thenna li Art 29A ma kienx jgħid zmien

minimu meta tisejjah laqgħa urgenti. Izda il Vici Sindku qal li hu ma qabilx ma dak li qal l- avukat u ma kienx ser jieħu responsabilta tal – laqgha. Il-Kunsillier Joseph Vella fakkar li l-Viċi Sindku kien lest li jmexxi l-laqgħa anke jekk il-laqgħa kienet kontra il-liġi.

Il Kunsilliera Graziella Galea staqsiet li Segretarja jekk saretx kommunikazjoni mad-Dipartiment fuq Cirkolari 36/2016. Min naha tiegħi jiena hedd kif diga sostnejt iktar qabel f'dan irapport l-informazzjoni mid- Dipartiment waslet wara nofs inhar

Il Vici Sindku Daniel Grima qal li il- laqgħa b'referenza għal laqgħa urgenti numru 65 li giet msejjħa kienet illegali u qara dikjarazjoni

Il Kunsillier Robert Piscopo qal li Kunsilliera Antionette ma kienetx prezenti fil- laqgħa ma tistax tagħmel dikjarazjoni għal daqstant l-ittra hija illegali.

Il Kunsillier Alfred Grima għamel Point of Order fuq il firma ta' dikjarazjoni ta' Antionette Bezzina. Huwa sostna li dekjarazzjoni hija illegali

Il Vici Sindku qal li kien ser jitlaq mill laqgħa u li għalih il laqgħa hija malgħuqa. Is-Sindku Anne Marie Fenech, il-Kunsilliera Graziella Galea u Kunsilliera Dounia Borg ukoll ħargu mil kamra. Il – laqgħa ma tkomplitx.

| | |
|---|---|
| <IFFIRMATA> | <IFFIRMATA> |
| Anne – Marie Fenech<br>Sindku | Mariella Strout<br>Segretarju Eżekuttiv |